MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Numru. 155/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Joan Difesa**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Joan Difesa, detentrici tal-karta tal-identita` numru 360882(M).

Akkuzat talli fis-7 ta' Frar 2010, fuq il-monti tal-Belt Valletta:
Iffalsifikat jew biddlet, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamlet uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghet tali merkanzija, jew xjentement

qeghdet fic-cirkolazzjoni, bieghet jew zammet ghandha ghall-bejgh jew importat ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` numru ta' CD's, ai termini tal-Artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampat, immanifatturat, idduplikat jew mod iehor irriproduciet jew ikkupjat, jew bieghet, qassmet jew mod iehor offriet ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha, ai termini tal-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u kunsens tal-Avukat Generali a fol. 11 tal-process; u

Rat ukoll li l-imputata ammettiet l-akkuzi kollha fl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti liema ammissjoni giet ikkonfermata, anke wara li din il-Qorti tatha z-zmien sabiex tirregola ruhha.

Illi ghal dawn il-motivi:

U wara li rat l-Artikolu 298(1) u 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u tikkundannaha erba' (4) xhur prigunerija, li bl-applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Kap. 9, qed tigi sospiza ghal zmien ta' sena millum a rigward l-ewwel akkuza, u tlett mitt Ewro (€300) multa a rigward it-tieni akkuza.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------